PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Edukazzjoni u Ħiliet

Nippreparaw lil uliedna għal Malta tal-lum u għada

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Nippreparaw lil uliedna għal Malta tal-lum u għada

## Edukazzjoni u Ħiliet

# Bi Gvern ġdid Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg pajjiżna jinvesti bl-aktar mod qawwi fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-ħiliet tat-tfal u ż-żgħażagħ.  Irridu li t-tagħlim u l-edukazzjoni jkunu esperjenza li tagħti gost lit-tfal u ż-żgħażagħ. Għall-Partit Nazzjonalista l-edukazzjoni hija l-pedament ta' kull żmien ta' Malta – tal-preżent u tal-ġejjieni.

Irridu li nibnu sistema edukattiva moderna, inklussiva u mibnija fuq l-ogħla standards ta' kwalità u li tipprepara lill-ġenerazzjoni preżenti u tal-ġejjieni għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel b'pass mgħaġġel. Irridu li uliedna jkollhom il-flessibiltà li jaddattaw għall-opportunitajiet ġodda li se jinħolqu. Irridu li permezz tal-edukazzjoni fl-iskejjel ikollna studenti li jistaqsu aktar milli jwieġbu.

Se ninvestu b'mod serju, sistematiku u sostnut fl-għalliema, fil-professjonisti u l-ħaddiema fis-settur edukattiv, fil-faċilitajiet edukattivi u se naġġornaw il-kurrikulu biex nassiguraw li kull student jilħaq il-potenzjal tiegħu. Fl-istess waqt dan l-investiment iwassal biex ikollna ħaddiema li jkunu għal qalbhom. Se nagħtu valur ugwali lill-edukazzjoni f'kull livell, u noħolqu rabta aktar mill-qrib bejn l-edukazzjoni u l-industrija biex nibnu ekonomija bbażata fuq ħiliet u innovazzjoni. L-iżvilupp tal-ħiliet huma kruċjali għas-setturi ekonomiċi ġodda li se nkunu qed noħolqu. L-edukazzjoni hi nifs ieħor importanti għall-ekonomija aktar dinamika li toħloq firxa wiesgħa ta' impjiegi għal kulħadd. Iżda fuq kollox l-edukazzjoni tagħti nifs lill-istudenti u liż-żgħażagħ li rridu li jkollhom l-aqwa preżent u ġejjieni ta' opportunitajiet.

Pjan ta' Azzjoni

# Edukazzjoni li tiftaħ beraħ l-opportunitajiet għal uliedna

Il-pjan tal-Partit Nazzjonalista hu li Malta jkollha sistema edukattiva tal-ogħla livell li tkun pilastru ta' pajjiż modern, li joħloq l-impjiegi f'ekonomija li tikber u kompetittiva – sistema li tipprepara lil kull persuna mhux biss biex issib xogħol, iżda biex tkun parti mill-bidla, toħloq valur ġdid fl-ekonomija u li l-ħajja tagħha tagħtiha sodisfazzjon.

Il-politika tagħna hija ta' edukazzjoni li tqiegħed il-ħiliet fil-qalba tagħha: ħsieb kritiku, kreattività, kompetenza diġitali, entrepreneurship u kapaċità ta' adattament. Sistema li tibni miri ċari mill-edukazzjoni bikrija sal-lifelong learning, fejn kull persuna jkollha opportunità kontinwa li titgħallem, tiżviluppa u tirnexxi tul ħajjitha kollha.

Irridu li jkollna ekosistema fejn l-edukazzjoni u l-industrija jaħdmu id f'id. B'hekk nibnu ekonomija bbażata fuq il-ħiliet u l-innovazzjoni, li ssaħħaħ il-produttività nazzjonali u li tindirizza l-iskills mismatch.

Din hija viżjoni ta' edukazzjoni li ma tħalli lil ħadd lura: inklussiva, personalizzata u ta' kwalità, li tgħolli l-livell tal-ħajja u tibni soċjetà aktar reżiljenti, innovattiva u dinamika.

Dan ifisser investiment serju fil-professjonijiet involuti fit-tagħlim, f'infrastruttura moderna u f'riċerka applikata.

L-proposti fl-edukazzjoni se jagħtu nifs ġdid u se jibdlu din il-mira f'realtà, b'inizjattivi prattiċi u ffukati biex jirrendu fit-tul.

Proposta Ewlenija 01

# Skola Nazzjonali ġdida STEAM (Science, Technology, Engineering, Arts u Mathematics)

## Inwaqqfu Skola Sekondarja Nazzjonali speċjalizzata f'STEAM, li tkun istituzzjoni edukattiva u innovazzjoni tal-ogħla livell. Din l-iskola toffri kurrikulu avvanzat ibbażat fuq riċerka, problem-solving u proġetti reali f'oqsma bħar-robotika, coding, data science, bioengineering u creative design.

L-istudenti jingħataw tagħlim personalizzat minn għalliema u professjonisti speċjalizzati, u jiġu evalwati b'mod kontinwu fuq il-potenzjal li juru, mhux biss fuq eżamijiet. Il-kampus jinkludi laboratorji cutting-edge, maker spaces u kollaborazzjoni diretta ma' l-Università, start-ups u industrija. Din tkun "talent accelerator" nazzjonali, b'aċċess għal kulħadd.

Barra minn hekk, il-proġett jespandi f'STEAM Innovation Campus li jinkludi inkubatur ta' start-ups, ċentru ta' riċerka għall-istudenti u programmi tas-sajf. Dan joħloq mixja ċara minn tagħlim u żvilupp ta' ħiliet għal innovazzjoni u impjiegi ta' valur għoli.

Din l-iskola tkun ukoll marbuta ma' programmi internazzjonali. Filwaqt li nifthu din l-iskola sekondarja ġdida għall-istudenti li jridu jistudjaw aktar fil-fond dawn l-oqsma biex ikomplu javvanzaw fihom meta jikbru aktar, l-istudenti fl-iskejjel sekondarji xorta jkunu esposti għal dawn is-suġġetti.

Din il-proposta hija investiment dirett fil-kapital uman ta' Malta u pedament għall-bidla lejn ekonomija bbażata fuq l-innovazzjoni u produttività għolja. Hija wkoll risposta konkreta għall-isfida ta' skills shortage u dipendenza fuq ħaddiema barranin. Barra minn hekk, toħloq aspirazzjoni ġdida fis-soċjetà fejn ix-xjenza, it-teknoloġija u l-kreattività jsiru pilastri tal-identità nazzjonali u tal-kompetittività tagħna.



# Aktar Proposti

## 02. Skejjel ġodda skont l-ammont ta' studenti fil-lokalitajiet tagħna-l-aqwa skejjel pubbliċi - skola ġdida kull sena

Nimplimentaw pjan nazzjonali ta' infrastruttura edukattiva bbażat fuq studju xjentifiku tal-"carrying capacity" tal-iskejjel. Dan jidentifika b'mod preċiż fejn hemm bżonn skejjel ġodda jew espansjoni, biex ma' jkunx hawn klassijiet iffullati u ineffiċjenzi li jaffettwaw direttament il-kwalità tat-tagħlim tal-istudenti. Il-wegħda tagħna miegħek hi li l-iskejjel pubbliċi jkunu l-aħjar f'Malta.  Irridu l-aħjar standards f'kull skola u dan jgħodd mill-klassijiet għall-istaff rooms, mill-laboratorji għall-ispazji miftuħa fl-iskejjel. Bħalma għamlu Gvernijiet Nazzjonalista, nibnu mill-anqas skola ġdida kull sena u jiġu rranġati dawk eżistenti.

## 03. Skejjel moderni, ġodda u "green schools"

Nibnu skejjel ġodda skont standards ambjentali għoljin, b'użu ta' enerġija rinnovabbli, ħażna u użu għaqli tal-ilma, faċilitajiet sportivi u spazji miftuħa. L-iskejjel isiru wkoll laboratorji ħajjin ta' sostenibbiltà, fejn l-istudenti jitgħallmu permezz ta' prattika diretta u mhux biss teorija. Dan iħejjihom għal ekonomija sostenibbli u jikkultiva drawwiet tajbin li jaslu d-dar u fil-komunità. Għalhekk waqt li jissaħħu l-programmi eżistenti bħall-EkoSkola, Dinja Waħda, u programmi oħrajn ikunu introdotti sistemi fejn il-politikatas-sostenibilità tal-iskejjel tkun aġġornata u ħolistika.

## 04. Programm permanenti ta' manutenzjoni u modernizzazzjoni

Nintroduċu sistema strutturata ta' manutenzjoni u upgrade kontinwu tal-faċilitajiet edukattivi u sportivi fl-iskejjel. Dan inaqqas spejjeż fit-tul, jipprevjeni deterjorazzjoni tal-bini u jiżgura ambjent sigur u adegwat għat-tagħlim. Nintroduċu staff dedikat għall-finanzi u manutenzjoni f'kull skola biex il-kapijiet jiffokaw fuq il-missjoni edukattiva.

## 05. Maker spaces u laboratorji STEAM f'kull skola sekondarja

Ninvestu aktar fi spazji dedikati għall-innovazzjoni f'kull skola sekondarja, mgħammra b'teknoloġija moderna bħal 3D printers, robotics u għodod diġitali. Dawn jippermettu tagħlim ibbażat fuq proġetti u jsaħħu l-ħiliet ta' kreattività, problem-solving u innovazzjoni fost l-istudenti. It-tagħmir teknoloġiku jrid jiġi aġġornat kontinwament biex l-istudenti jkollhom dak li hu l-aktar avvanzat.

## 06. Faċilitajiet moderni għall-istudenti fl-isport u l-arti

Ninvestu f'faċilitajiet sportivi u artistiċi moderni fl-iskejjel kollha biex nappoġġjaw l-iżvilupp ħolistiku tal-istudenti. L-edukazzjoni ma tistax tkun biss akkademika; għandha tinkludi wkoll espressjoni kreattiva u benesseri fiżiku bħala parti integrali mit-tagħlim.

## 07. Sistema moderna u effiċjenti tat-trasport tal-istudenti

Noħolqu sistema nazzjonali koordinata tat-trasport tal-iskejjel li tnaqqas it-traffiku u ttejjeb il-puntwalità. Din tinkludi ppjanar aħjar tar-rotot, sigurtà akbar u integrazzjoni ma' sistemi ta' mobilità sostenibbli. Nintroduċu School Wardens biex jassistu u jimmaniġġjaw it-traffiku fil-viċinanzi tal-iskejjel u dan ikun jgħodd għall-iskejjel kollha, inkluż dawk privati u tal-Knisja.

## 08. Inżidu l-istipendji b'25%

L-istipendji tal-istudeni kollha jiżdiedu b'25%. Studenti li jsegwu korsijiet fis-saħħa se jingħataw stipendju ta' madwar €1,000 fix-xahar.

# Biex uliedna jiżviluppaw bl-aħjar mod sa minn età bikrija

## 09. Tisħiħ tac-Childcare Centres biex igawdu t-tfal

Edukazzjoni bikrija b'saħħitha tnaqqas inugwaljanzi u ttejjeb l-outcomes fit-tul. Għalhekk il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern jikkommetti ruħu li ċ-Childcare Centres ikunu tal-ogħla livell. Jipprovdi appoġġ permezz ta' taħriġ lill-carers biex jiġi assigurat li fost l oħrajn it-tfal jassorbu u jiżviluppaw il-lingwa/lingwi u l-ħiliet soċjali fost l-oħrajn sa minn ċkunithom.

## 10. Aktar appoġġ u rikonoxximent lill-Kindergarten Educators (KGE)

Noffru taħriġ, mentoring u karriera strutturata għall-Kindergarten Educators. Il-KGEs huma pedina importanti tassew għall-iżvilupp bikri tat-tfal; iżda jridu appoġġ professjonali u definizzjoni ċara tar-rwol u għalhekk jibdew id-diskussjonijiet neċessarji biex il-KGEs jingħataw ir-rikonoxximent fil-grad. Dan inaqqas burnout u jtejjeb il-kwalità tat-tagħlim.

## 11. Irridu li t-tfal kollha jirnexxu b'ħiliet ġodda

It-tfal min-natura tagħhom huma kreattivi. Irridu li s-sistema edukattiva tiżviluppa s-sens ta' kreattivà fit-tfal sa minn età bikrija. B'hekk it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu aktar kreattivi, flessibbli, innovattivi u jikkonsidraw għażliet differenti qabel jaslu għal deċiżjoni. Dan jagħmluh billi jistaqsu, jagħrblu, u janalizzaw. Dawn huma kollha ħiliet kruċjali li għandhom jiġu żviluppati fit-tfal u fiż-żgħażagħ u b'hekk ikunu qed jippreparaw għal dinja fejn l-innovazzjoni hi r-rutina u mhux l-eċċezzjoni.

## 12. Pedagoġiji bbażati fuq logħob u kreattivitā

Insaħħu learning through play b'enfasi fuq komunikazzjoni, kollaborazzjoni u problem-solving. Dawn huma "future skills" li jibdew jiffurmaw kmieni. Approċċ bħal dan jgħin ukoll lit-tfal li jitgħallmu b'modi differenti u jżid il-motivazzjoni.

## 13. Kundizzjonijiet aħjar għaċ-Child Carers

Nintroduċu gradi, skemi ta' CPD u progressjoni abbażi l-livelli tal-MQF. Kundizzjonijiet tajbin iżommu t-talent fil-qasam u jżidu l-professjonalità.

## 14. Kompetenza bil-Malti u bl-Ingliż għaċ-Child Carers

Noffru korsijiet u ċertifikazzjoni biex iċ-Child Carers ikunu kapaċi jappoġġjaw l-iżvilupp lingwistiku tat-tfal. F'età bikrija, il-lingwa tibni ħiliet konjittivi u soċjali. Dan jgħin fl-inklużjoni u jipprepara t-tfal għall-primarja.

## 15. Iktar Riżorsi bil-Malti għal-litteriżmu bikri

Il-Gvern jikkummissjona u jiffinanzja pakketti ta' stejjer, rimi, audio u apps bil-Malti għall-użu fiċ-childcare u fil-kindergarten. Riżorsi moderni jagħmlu l-Malti aktar attraenti. Dan jgħin ukoll lil tfal mhux Maltin jiksbu għarfien tal-lingwa Maltija filwaqt li jgħin lill-pubblikaturi Maltin u operaturi edukattivi digitali

## 16. Intervent bikri ta' screening waqt li t-tfal imorru childcare

Nintroduċu screening u referenzi ċari għal speech therapy, psychology u servizzi oħra għat-tfal żgħar. Intervent kmieni jnaqqas problemi akbar aktar 'il quddiem u jtejjeb l-outcomes b'mod ġenerali. Problemi mhux identifikati kmieni jaffettwaw il-litteriżmu u l-imġiba. B'mudell ta' "early help", nipprevjenu esklużjoni edukattiva. Dan is-servizz jingħata anki lil min ma jattendix childcare.

# Formazzjoni edukattiva u ta' karattru sa mill-primarja

## 17. Reviżjoni tal-kurrikulu

Nissimplifikaw u ntejbu l-kurrikulu biex ikun aktar relevanti għaż-żminijiet. Dan japplika kemm għall-primarja kif ukoll għas-sekondarja.

## 18. Assessjar formattiv aktar b'saħħtu

Insaħħu feedback kontinwu u kriterji ċari, u nnaqqsu l-enfasi fuq testijiet repetittivi. Assessjar tajjeb juri x'jeħtieġ jitjieb u jgħin lill-istudenti jifhmu l-progress tagħhom. Dan inaqqas ansjetà u jagħti spazju għal tagħlim aktar profond. Ninkoraġixxu l-użu ta' rubrics biex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu self-assessment. Dan isaħħaħ l-indipendenza tal-istudenti waqt il-proċess edukattiv. Fl-istess waqt il-ġenituri jsegwu l-progress ma' uliedhom. Dan jgħodd kemm għall-istudenti tal-primarja u anki tas-sekondarja.

## 19. Programmi strutturati kontra diffikultajiet fit-tagħlim

Nimplimentaw interventi bħal tutoring, gruppi żgħar u programmi ta' catch-up. Dan jiżgura appoġġ immedjat lill-istudenti li jkunu f'riskju li jaqgħu lura. B'appoġġ immirat u kmieni, intejbu r-riżultati u l-progress tal-istudenti u nnaqqsu l-pressjoni fuq is-sistema sekondarja.

## 20. Aktar sport, mużika, arti u drama

Inzidu ħin regolari għall-espressjoni kreattiva u għall-attività fiżika. Dan itejjeb il-kwalità tal-ħajja, id-dixxiplina u l-ħiliet soċjali. Il-kreattività u l-fitness huma investiment fit-tfal kollha.

## 21. Proġetti interdixxiplinarji

Nintroduċu proġetti li jgħaqqdu xjenza, arti, storja u teknoloġija. Dan jagħmel it-tagħlim aktar relevanti.

## 22. Aktar għażliet għall-istudenti b'attivitajiet lil hinn mill-ħin tal-iskola

Il-Foundation for Educational Services (FES) tingħata aktar appoġġ ta' riżorsi finanzjarji u umani sabiex issaħħaħ il-programmi tagħha ta' qabel u wara l-ħinijiet tal-iskola. Waqt li programmi bħall-'Breakfast Club', 'Klabb 3-16' u 'Skolasajf' jiġu riformati biex ikunu aktar f'konformità mal-esiġenzi soċjoedukattivi tal-lum. Magħhom jiżdiedu programmi oħrajn u f'iżjed ħinijiet biex jassistu lill-istudenti fl-istudji u fil-homework, kif wkoll biex jipprovdu esperjenzi sportivi ta' dixxiplini varji taħt il-gwida ta' professjonisti speċifiċi. Dawn jgħoddu kemm għall-istudenti tal-primarja kif ukoll tas-sekondarja.

# Fis-sekondarja l-istudenti jsaħħu l-bażi akkwistata fil-primarja

## 23. Litteriżmu diġitali

Nintegraw "digital literacy" f'kull suġġett: riċerka, verifika ta' sorsi, produzzjoni ta' kontenut u kollaborazzjoni online. Dan jgħin kontra disinformazzjoni u juża t-teknoloġija b'mod produttiv, mhux passiv jew riskjuż.

## 24. Alternative Learning Programmes f'kull Kulleġġ

Noħolqu rotot alternattivi ta' tagħlim li huma ta' valur u mhux stigmatizzati. L-Alternative Learning Programmes ta' kwalità mill-Year 9 jgħinu lil studenti li jħossuhom "maqtugħin" mill-approċċ tradizzjonali. Dan inaqqas drop-outs u jsaħħaħ ħiliet prattiċi u jgħin lill-pajjiż ukoll isir iktar kompetittiv.

## 25. CAYS aktar qrib il-Kulleġġi

Insaħħu s-servizzi u l-koordinazzjoni sabiex l-appoġġ ikun kontinwu. Meta s-Servizzi għat-Tfal, l-Adoloxxenti u ż-Żgħażagħ (CAYS) tkun aktar aċċessibbli, l-għalliema jkollhom gwida aktar rapida u l-istudenti jibbenefikaw minn pjani li jiġu segwiti b'konsistenza tul is-snin u b'hekk niggarantixxu li t-tfal kollha jkollhom l-assessjar meħtieġ fi żmien propizju.

## 26. Aktar attivitajiet għall-istudenti wara l-hin tal-iskola

Nespandu klabbs u attivitajiet fosthom ta' coding, robotics, drama, sport, u debating bħala servizz skolastiku fis-sekondarja. L-għalliema jitħallsu extra ta' dawn il-klassijiet.

## 27. Programmi mmirati kontra l-early school leaving

Nimplimentaw strateġiji eżistenti u nfittxu metodi innovattivi biex inkomplu nnaqqsu l-abbandun bikri tal-iskola, inkluż mentoring u appoġġ personalizzat. Dan jgħin biex aktar żgħażagħ jibqgħu fis-sistema edukattiva u jsibu triq li twassalhom biex jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom.

## 28. Inħeġġu aktar l-istudji tal-lingwi

Il-mira tagħna tkun li aktar studenti jistudjaw il-lingwi fl-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja.

## 29. Language-rich environments

Jeħtieġ li t-tagħlim tal-lingwi jiżdied. Sa minn età żgħira nimplimentaw pjan biex l-istudenti jitgħallmu lingwi differenti permezz ta' metodi interattivi u diġitali. It-tagħlim tal-lingwi għandu joffri esperjenzi prattiċi, bħal logħob lingwistiku u kuntatt ma' kulturi oħra, sabiex jiżdied l-interess u l-istudenti jiskopru realtajiet u kulturi oħra. Ambjent rikk fil-lingwa jsaħħaħ il-vokabularju u ħiliet ta' smigħ/tkellim. Dan huwa essenzjali wkoll f'kuntest multikulturali.

## 30. Politika lingwistika skolastika b'saħħitha

Nwettqu politika lingwistika ċara. Il-lingwa hija ċ-ċavetta għall-inklużjoni u l-progress. Politika ċara tnaqqas il-konfużjoni, tgħin lill-għalliema u ssaħħaħ il-Malti bħala lingwa nazzjonali f'ambjent multilingwi. Barra minhekk ninvestu fl-infrastruttura lingwistika għaliex mingħajr infrastruttura lingwistika, il-Malti jitbiegħed mit-teknoloġija u ż-żgħażagħ. Politika serja tagħmel il-Malti lingwa "modernament funzjonali" fl-iskejjel u fis-servizzi.

## 31. Aġenzija tal-Litteriżmu Maltija msaħħa

Nespandu r-riżorsi, taħriġ u kontenut diġitali ta' din l-Aġenzija. Dan jgħin lill-għalliema b'materjal konsistenti u modern. Jgħin ukoll biex il-Malti jkollu preżenza qawwija f'għodod diġitali u fil-qari, speċjalment f'ambjent bilingwi.

# Aktar opportunitajiet għall-istudenti fil-livell post-sekondarju u terzjarju

## 32. Transizzjoni aħjar għall-istudenti bejn is-sekondarja u l-post-sekondarja

L-istudenti f'din l-età għandhom bżonn appoġġ biex jimmaniġġjaw pressjoni, għażliet u responsabbiltà akbar. Ikun hemm servizzi għalihom biex il-vjaġġ bejn is-sekondarja u l-livell post-sekondarju jkun aktar naturali.

## 33. Investiment qawwi għall-istudenti tal-MCAST, ITS u istituzzjonijiet vokazzjonali

Niżguraw li l-finanzjament għall-edukazzjoni vokazzjonali jkun sostanzjali biex jinħolqu opportunitajiet ugwali u infrastruttura ta' kwalità għolja. Dan jippermetti lill-istudenti vokazzjonali jiksbu taħriġ aġġornat u ta' kwalità għolja.

## 34. Korsijiet ġodda f'setturi emerġenti

Nintroduċu korsijiet ġodda f'oqsma bħal AI, green economy, digital fabrication u teknoloġiji avvanzati.

## 35. Proġetti u faċilitajiet ġodda fil-Junior College u GCHS fin-Naxxar

Invaraw proġett biex il-Junior College u Giovanni Curmi Higher Secondary School fin-Naxxar ikollhom titjib qawwi infrastrutturali. Dan jinkludi tagħmir aktar modern, żieda fit-tagħmir, laboratorji u workshops li se jkunu bżonnjużi għall-industriji ġodda li Gvern ġdid Nazzjonalista se jkun qed joħloq.

## 36. Aktar inċentiv biex għalliema jgħallmu lill-istudenti ta' Giovanni Curmi Higher Secondary

Isiru diskussjonijiet biex l-għalliema ta' Giovanni Curmi Higher Secondary jkollhom ftehim kollettiv separat mis-sectorial agreement bħalma jsir fl-MCAST u fil-Junior College.

## 37. Għajnuna akbar għall-istudenti fil-qasam marittimu

Noffru pakkett ta’ sostenn għall-istudenti fil-qasam marittimu, li huwa strateġiku għall-ekonomija Maltija. Dan jindirizza skills gaps, itejjeb l-attrazzjoni lejn karrieri marittimi u jsaħħaħ il-kompetittività..

# Stipendji u inċentivi għall-istudenti

## 38. Żieda ta’ 25% fl-istipendji minn Ottubru li ġej

Mis-sena akkademika li jmiss li tibda f’Ottubru li ġej, Gvern immexxi minn Alex Borg iżid l-istipendju tal-istudenti kollha b’25%.

## 39. Nibqgħu nżidu l-istipendji kull sena biex dawn jirriflettu n-nefqiet bżonjużi li jagħmlu l-istudenti

Minbarra ż-żieda ta’ 25% minn Ottubru li ġej, mit-tieni sena ‘il quddiem, nibqgħu nżidu l-istipendji b’mod sinifikanti għall-istudenti fl-edukazzjoni post-sekondarja u terzjarja biex jirriflettu aħjar iż-żieda fl-għoli tal-ħajja. Dan jiżgura li aktar żgħażagħ ikunu jistgħu jkomplu jistudjaw mingħajr pressjoni finanzjarja. Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja fl-istipendji tibda tinħadem skont in-nefqiet li jagħmlu l-istudenti fost l-oħrajn fuq faċilitajiet li jkollhom bżonn għall-istudji tagħhom, attivitajiet sportivi, tagħmir teknoloġiku, kotba, u subscriptions. Għall-kalkolu dwar iż-żieda li tingħata lill-istudenti kull sena jigi kkonsidrat ukoll is-safar li jagħmlu l-istudenti għaliex nemmnu li s-safar għandu valur edukattiv, kulturali u jiftaħ orizzonti ġodda għall-istudenti u ż-żgħażagħ.

## 40. Stipendji daqs il-paga minima għall-istudenti tan-nursing, il-kura tas-saħħa u għall-oqsma strateġiċi u bżonnjużi

Inżidu l-istipendju tal-istudenti tan-nursing u karrieri oħra fis-saħħa. B’dan il-mod l-istipendju tal-istudenti li jkunu qed isegwu kors tan-nursing u korsijiet oħra fis-saħħa fl-Università u fl-MCAST jitla’ għal madwar €1,000 fix-xahar. B’hekk inħajru aktar studenti jagħżlu l-karriera ta’ nursing u speċjalizazzjonijiet oħra fil-kura tas-saħħa. Dan għandu jwassal biex jingħata servizz aħjar fil-qasam tas-saħħa billi jinċentiva aktar infermiera u carers Maltin f’karrieri essenzjali. Din iż-żieda tingħata wkoll lill-istudenti li jkunu qed isegwu korsijiet fejn hemm nuqqas ta’ professjonisti.

## 41. Inċentivi għall-professjoni tal-għalliema

Noffru grants u stipendji ogħla għal studenti li jagħżlu karriera fit-tagħlim. Dan jgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta’ għalliema.

## 42. Inċentivi speċjali għall-istudenti

Nintroduċu pakketti ta’ inċentivi finanzjarji għal studenti li jagħżlu korsijiet fl-engineering, ICT u x-xjenzi.

## 43. Grants u appoġġ addizzjonali għall-istudenti Għawdxin

Insaħħu l-għajnuna finanzjarja għall-istudenti Għawdxin li jistudjaw f’Malta biex jiġu indirizzati l-ispejjeż addizzjonali relatati ma’ trasport u akkomodazzjoni, u jiġu żgurati opportunitajiet ugwali.

# Snajja' u edukazzjoni vokazzjonali biex iż-żgħażagħ jimirħu aktar

## 44. Krediti tal-bolla għall-istudenti waqt l-istudji

L-istudenti u ż-żgħażagħ li jkunu qed isegwu korsijiet postsekondarji jew terzjarji full-time jkollhom il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali akkreditati tul il-kors tal-istudju.

## 45. Scholarships għal studji postgraduate u riċerka

Nespandu l-iskemi ta' scholarships għal Masters u PhD. Dan jgħin biex Malta tkabbar il-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni fuq livell għoli. Għalhekk jiżdiedu l-fondi biex aktar żgħażagħ isegwu korsijiet ta' Masters u ta' dottorat full-time fl-Università ta' Malta. Dan ikun investiment qawwi fiż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

## 46. Ninvestu u nsaħħu r-riċerka f'pajjiżna

Individwi, ażjendi u negozji li joffru sostenn finanzjarju lir-riċerka li ssir fl-Universita' ta' Malta jew istituzzjonijiet oħra edukattivi f'Malta mill-livell ta' PhD 'l fuq, jingħataw tnaqqis tat-taxxa ta' 150% fuq l-ammont li jkunu nvestew u li jrid ikun ddikjarat fil-komputazzjoni tat-taxxa. Iċ-ċifra massima ta' refużjoni hija ta' €100,000 fis-sena.

## 47. Kumpless sportiv ġdid għall-istudenti fl-Università ta' Malta

Gvern Nazzjonalista mmexxi minn Alex Borg iżomm kelmtu mal-istudenti u jibni sports complex ġdid fl-Universita' ta' Malta, li jinkludi trakka tal-atletika u parkeġġ tal-karozzi taħt l-art li filgħaxijiet jintuża mir-residenti li joqogħdu fil-qrib. Il-kumpless sportiv kien parti minn masterplan li sar fl-2011 minn Gvern Nazzjonalista, imma li Gvern Laburista warrab minkejja li wiegħed li se jibni kumpless sportiv. Minkejja l-wegħdi l-istudenti baqgħu bla kumpless sportiv. Gvern Nazzjonalista jibni dan il-kumpless fi żmien sentejn għaliex inqisuh ukoll bħala neċessità biex l-istudenti jgħixu fiżikament u mentalment b'saħħithom.

## 48. Ċentri tas-Snajja' Reġjonali bħala hubs ta' ħiliet – aktar opportunitajiet għall-istudenti

Noħolqu ċentri reġjonali speċjalizzati ta' snajja' u ħiliet prattiċi, mgħammra b'faċilitajiet moderni u magħquda direttament mal-industrija. Dawn iservu bħala pont bejn l-edukazzjoni u x-xogħol, u jindirizzaw direttament in-nuqqas ta' ħaddiema f'setturi kruċjali.

## 49. "Trades 2.0" u green skills

Nimodernizzaw snajja' tradizzjonali b'ħiliet ġodda u standards ambjentali. Dan jagħmel il-korsijiet aktar relevanti u jżid il-valur tas-snajja' fis-suq. Malta teħtieġ nies tas-sengħa għal xogħlijiet fejn dawn in-nies naqsu jew fejn hemm ir-riskju li jintilfu dawn is-snajja'.

# Apprendistat: żgħażagħ li jakkwistaw esperjenza fuq il-lant tax-xogħol

## 50. Qafas legali modern u komprensiv li jinkoraġġixxi l-apprendistat taż-żgħażagħ

Nintroduċu liġi ġdida li tirregola l-apprendistat b'mod ċar u modern, b'definizzjoni ta' standards, drittijiet u obbligi kemm tal-istudenti kif ukoll ta' min iħaddem. Dan jiżgura esperjenza edukattiva ta' kwalità.

## 51. Inċentivi fiskali għal kumpaniji li joffru apprendistat

Nintroduċu tax credits u skemi ta' co-financing għal kumpaniji li joffru placements ta' kwalità, b'mentoring u taħriġ strutturat. Dan jinkoraġġixxi parteċipazzjoni attiva tal-industrija u jsaħħaħ it-talent lokali.

## 52. Apprendistat f'korsijiet vokazzjonali

Nagħmlu l-apprendistat komponent importanti f'korsijiet vokazzjonali u tekniċi, biex kull student jikseb esperjenza reali fuq il-post tax-xogħol. Dan jiżgura li l-edukazzjoni tkun marbuta direttament mal-prattika. Dan ikun ta' gwadann kbir għall-istudenti partikolarment f'setturi fejn l-ammont ta' ħaddiema tas-sengħa u workshops fi snajja' partkolari qed jonqsu.

## 53. Pagamenti ġusti u kundizzjonijiet ċari għall-apprendisti

Nintroduċu qafas nazzjonali għal remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol għall-apprendisti. Dan jagħti dinjità lill-istudenti u jiżgura li l-esperjenza tkun sostenibbli u motivanti.

## 54. Sistema diġitali ta' matching bejn studenti u industrija

Noħolqu pjattaforma li tgħaqqad studenti ma' opportunitajiet ta' apprendistat skont il-ħiliet u l-interessi tagħhom.

## 55. Involviment akbar tal-SMEs

Noħolqu skemi speċjali biex SMEs ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-apprendistat mingħajr piż. L-SMEs huma essenzjali fl-ekonomija Maltija, u għandhom rwol kruċjali fit-taħriġ tal-ħaddiema u ta' dan għandhom jingħataw rikonoxximent. L-SMEs li joffru apprendistat jingħataw tnaqqis fit-taxxa ta' €1,000 għal kull apprendist.

## 56. Quality assurance u monitoraġġ kontinwu

Nintroduċu mekkaniżmi ta' kontroll u evalwazzjoni biex jiġi żgurat li kull min jagħmel esperjenza ta' apprendistat jikbes l-ikbar benefiċċju minnha. Dan jinkludi feedback regolari, assessjar tal-progress u intervent fejn ikun hemm nuqqasijiet.

## 57. Estensjoni tal-apprendistat għas-settur pubbliku – il-gvern imexxi bl-eżempju

Nespandu l-opportunitajiet ta' apprendistat fis-servizz pubbliku. Il-Gvern għandu jkun ta' eżempju fil-ħolqien ta' opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità.

## 58. Vocational Excellence Malta 2030

Infasslu pjan nazzjonali biex VET tkun għażla ta' prestiġju: standards, tagħmir modern, u rabtiet mal-industrija. Dan jgħin lill-ekonomija tnaqqas dipendenza fuq imports ta' ħaddiema u jtejjeb il-produttività. VET b'saħħtu jfisser opportunitajiet reali għaż-żgħażagħ.

## 59. Alleanza Nazzjonali tal-Apprendistat (ANA)

Inwaqqfu pjattaforma li tgħaqqad l-MCAST, iċ-Ċentri tas-Snajja', l-industrija u l-Gvern biex tistabbilixxi standards, setturi prijoritarji u kwalità. Dan joħloq koordinazzjoni, jtejjeb il-placements u jnaqqas il-mismatch.

## 60. Ċertifikazzjoni u rikonoxximent tal-apprendistat

Niżguraw li l-esperjenza tal-apprendistat tkun akkreditata u rikonoxxuta formalment fil-qafas tal-MQF. Dan jagħti valur reali lill-esperjenza tax-xogħol u jtejjeb l-opportunitajiet tal-istudenti.

# L-edukazzjoni u l-industrija

## 61. Bord Nazzjonali ta' Skills Forecasting

Nistabbilixxu bord permanenti li janalizza trends ekonomiċi u jbassar il-ħtiġijiet tal-ħiliet fil-futur. Dan jiggwida l-kurrikulu u l-investiment edukattiv biex ikun allinjat mar-realtà tas-suq tax-xogħol u mhux pass lura minnu.

## 62. Kunsilli konsultattivi settorjali

Noħolqu kunsilli għal setturi ekonomiċi ewlenin (teknoloġija, kostruzzjoni, saħħa, ospitalità) li joffru input dirett lill-istituzzjonijiet edukattivi. Dan jiżgura li l-korsijiet jibqgħu relevanti u aġġornati kontinwament.

## 63. Involviment tal-industrija fit-tfassil tal-kurrikulu

Nintegraw lill-industrija fil-proċess tat-tfassil u r-reviżjoni tal-kurrikulu biex il-kontenut edukattiv jirrifletti ħtiġijiet reali. Dan inaqqas il-gap bejn edukazzjoni u impjieg u jtejjeb l-impjegabbiltà tal-gradwati.

## 64. Sponsorships u investiment mill-industrija fl-edukazzjoni

Ninkoraġġixxu kumpaniji jinvestu fl-edukazzjoni permezz ta' sponsorships, tagħmir u programmi ta' taħriġ għall-ħaddiema. Dan isaħħaħ il-kapaċità tal-istituzzjonijiet edukattivi u joħloq relazzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku.

## 65. Ninvestu fir-riċerkaturi

Biex nippremjaw lil min investa fl-istudju, nindirizzaw problemi li qed jaffaċjaw persuni li jaħdmu fir-riċerka f'istituzzjonijiet għolja edukattivi f'Malta, li għandhom kwalifiċi għolja minn Masters 'l fuq u qed jiġu kkuntrattati għall-perjodu definit fuq proġetti ta' riċerka. Nevalwaw il-possibiltà li jinħoloq fond li jagħti sapport lil dawn l-individwi speċjalment meta jkunu qed jitolbu self mill-banek.

## 66. Kollaborazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni

Insaħħu l-kollaborazzjoni bejn l-Università, l-MCAST u l-industrija f'riċerka applikata u innovazzjoni. Dan jgħin biex ideat jinbidlu f'soluzzjonijiet konkreti u jsaħħaħ il kompetittività ekonomika tal-pajjiż.

### 67. Innovation hubs konġunti

Nistabbilixxu hubs fejn studenti, riċerkaturi u kumpaniji jaħdmu flimkien fuq proġetti innovattivi. Dawn jiffaċilitaw il-ħolqien ta' start-ups u jħeġġu kultura ta' intraprenditorija fost iż-żgħażagħ.

### 68. Career guidance bbażata fuq id-data

Nirriformaw is-servizzi ta' career guidance biex ikunu mmexxija minn data reali dwar trends tas-suq tax xogħol. Dan jgħin lill-istudenti jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati dwar il-futur tagħhom.

## Tagħlim mifrux u personalizzat bl-AI għall-istudenti

### 69. L-istudenti jieħdu gost jitgħallmu

L-AI toffri opportunità ġdida għat-tagħlim tal-istudenti fl-iskejjel. It-tagħlim jista' jkun personalizzat fejn it-tagħlim jieħu in konsiderazzjoni l-interessi tal-istudenti. Dan jagħmel il-proċess ta' tagħlim aktar interessanti u li jagħti gost lill-istudenti.

### 70. Introduzzjoni tal-coding

Nintroduċu tagħlim strutturat tal-coding mill-etajiet bikrin biex niżviluppaw ħsieb loġiku u problem-solving. Dan mhux biss jipprepara għall-karrieri fit-teknologija iżda jgħin biex l-istudenti jiżviluppaw ħiliet analitiċi li huma essenzjali għal kull qasam fid-dinja moderna.

### 71. Data literacy bħala ħila universali

Nintroduċu data literacy bħala parti mill-kurrikulu biex l-istudenti jitgħallmu jinterpretaw, janalizzaw u jużaw data b'mod effettiv. F'dinja mmexxija mid-data, din hija ħila fundamentali biex l-istudenti jsibu impjegi tajbin.

### 72. Module "AI u s-suq tax-xogħol"

Nintroduċu tagħlim dwar kif l-AI tbiddel l-impjiegi, il-ħiliet meħtieġa u l-opportunitajiet ġodda. Dan iħejji lill-istudenti għall-bidla, u jsaħħaħ il-ħsieb kritiku.

### 73. Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu Diġitali

Nistabbilixxu entità li tikkordina strateġija diġitali edukattiva, kontenut u standards. Din tiżgura koerenza u tgħaqqad l-edukazzjoni mal-iżvilupp teknoloġiku, l-AI u l-industrija.

### 74. AI fuq il-laptops għall-għalliema

Inwettqu proġett estensiv biex ninstallaw għodod professjonali tal-AI fuq il-laptops tal-għalliema.

### 75. Kompetizzjonijiet dwar l-innovazzjoni u l-coding

Norganizzaw kompetizzjonijiet nazzjonali biex ninkoraġġixxu talent fil-qasam diġitali u teknoloġiku. Dawn joħolqu kultura ta' innovazzjoni u jagħtu opportunitajiet lill-istudenti li juru l-ħiliet tagħhom fuq livell għoli.

# Investiment fl-għalliema li f'idejhom nafdaw l-aqwa teżor: uliedna

## 76. Sistema ta' liċenzjar u warrants għall-edukaturi

Insaħħu l-professjonalità tal-edukaturi permezz ta' sistema ta' liċenzji u warrants regolati, inkluż għall-LSEs u KGEs. Dan jgħolli l-istandards, jagħti prestiġju lill-professjoni u jiżgura accountability u kwalità konsistenti fis-sistema kollha.

## 77. Continous Professional Development li jindirizza r-realtajiet ġodda

Nintroduċu Continous Professional Development obbligatorju u kontinwu b'enfasi fuq pedagoġija moderna, inkluż l-użu tal-AI, tagħlim personalizzat u metodoloġiji innovattivi. Dan jiżgura li l-għalliema jkollhom l-għodod meħtieġa biex iwasslu edukazzjoni relevanti u effettiva.

## 78. Programm strutturat ta' mentoring għall-għalliema ġodda

Noħolqu sistema nazzjonali ta' mentoring fejn għalliema ġodda jiġu appoġġjati minn edukaturi b'esperjenza. Dan itejjeb il-kwalità tat-tagħlim permezz ta' trasferiment ta' għarfien u prattika.

## 79. Ħin strutturat għall-ippjanar u kollaborazzjoni

Nallokaw numru ta' sigħat fil-ġimgħa għall-għalliema biex jippjanaw, jikkollaboraw u janalizzaw il-progress tal-istudenti. Dan itejjeb il-koerenza fit-tagħlim u jsaħħaħ il-kwalità tat-tagħlim tal-istudenti, u jgħin biex ikun hemm aktar personalizzazzjoni fit-tagħlim.

## 80. Tisħiħ tal-wellbeing u prevenzjoni ta' burnout

Nintroduċu programmi strutturati ta' appoġġ psikoloġiku u wellbeing għall-għalliema. Il-professjoni hija waħda ta' hafna pressjoni, u jekk irridu kwalità sostenibbli, irridu nħarsu s-saħħa mentali u emozzjonali tal-edukaturi tagħna.

## 81. Investiment akbar fil-LSEs

Noffru taħriġ, mentoring u karriera strutturata għal Learning Support Educators. LSEs huma kruċjali għall-inklużjoni; iżda jridu appoġġ professjonali u definizzjoni ċara tar-rwol. Dan inaqqas il-burnouts u jtejjeb il-kwalità tal-interventi fil-klassi  Il-Partit Nazzjonalista fil-Gvern jiggarantixxi li l-kwistjoni tas-seniority tkun riżolta u jinbeda l-proċess biex l-LSEs ikunu professjonalizzati billi jinħarġilhom il-warrant.

# Lifelong learning u reskilling

## 82. Skejjel bħala Community Learning Hubs wara l-ħin tal-iskola

Nestendu b'mod qawwi l-programm li permezz tiegħu l-iskejjel tal-Gvern ikunu ċentri ta' tagħlim u attività għall-komunità wara l-ħin tal-iskola, b'korsijiet f'ħiliet diġitali, AI, lingwi u taħriġ vokazzjonali. Dan jagħmel il-lifelong learning aċċessibbli għal kulħadd.

## 83. Skema ta' Lifelong Learning għal kulħadd

Nintroduċu qafas, inkluż inċentivi fiskali li jiggarantixxu opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kull persuna, f'kull età. Dan jinkludi korsijiet flessibbli u aċċessibbli biex kulħadd ikun jista' jtejjeb il-ħiliet tiegħu kontinwament.

## 84. Parents as Partners

Noħolqu sessjonijiet li l-adulti jistgħu jattendu volontarjament dwar il-qari, logħob edukattiv, rutini u screen-time. Il-ġenituri u min jieħu ħsieb it-tfal huma l-ewwel skola; għalhekk appoġġ tajjeb jgħin b'mod konkret fl-iżvilupp tat-tfal. Dan inaqqas l-istress żejjed fil-familji u jsaħħaħ ir-rabta skola-dar.

## 85. Inċentivi fiskali għal min jinvesti fit-tagħlim

Nintroduċu tax credits u benefiċċji fiskali għal individwi u kumpaniji li jinvestu f'taħriġ u upskilling u reskilling. Dan iħeġġeġ kultura fejn it-tagħlim kontinwu jsir parti normali mill-ħajja professjonali.

## 86. Nsaħħu is-sistema ta' micro-credentials u short courses

Nsaħħu l-qafas nazzjonali għal micro-credentials rikonoxxuti li jippermettu tagħlim modulari u rapidu. Dan jagħmilha aktar faċli biex individwi jakkwistaw ħiliet speċifiċi skont il-bżonnijiet tas-suq.

## 87. Rikonoxximent formali tal-korsijiet skont il-MQF

Niżguraw li programmi ta' Lifelong Learning ikunu akkreditati u allinjati mal-Qafas Malti tal-Kwalifiki (MQF). Dan jagħti valur reali lil dawn il-korsijiet u jiffaċilita progress fil-karriera.

## 88. Upskilling diġitali u AI għall-adulti

Noffru taħriġ diġitali u fl-AI għall-adulti biex ma jitħallewx lura f'dinja teknoloġika. Dan huwa kruċjali biex jiżdiedu l-opportunitajiet ta' xogħol u produttività fuq livell nazzjonali.

## 89. Programmi speċifiċi għall-ħaddiema anzjani

Noħolqu inizjattivi mmirati għal ħaddiema ta' età aktar avvanzata li jkunu jixtiequ li jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol. Dan jinkludi taħriġ adattat u opportunitajiet ta' transizzjoni għal rwoli ġodda.

## 90. Recognition of Prior Learning (RPL) diġitalizzat u robust

Nintroduċu sistema msaħħa u diġitalizzata ta' RPL biex esperjenza u ħiliet miksuba barra l-edukazzjoni formali jiġu rikonoxxuti uffiċjalment. Dan isir permezz ta' portfolio verifikabbli u assessjar strutturat, biex jiġi żgurat rikonoxximent ġust, effiċjenti u relevanti għall-progress professjonali.

## 91. Malta Skills Card u Digital Wallet

Noħolqu sistema diġitali nazzjonali fejn individwi jaħżnu u jippreżentaw kwalifiki, ħiliet, certifications u Continuing Professional Development (CPD) b'mod verifikabbli. Dan isaħħaħ it-trasparenza, jiffaċilita mobilità fis-suq tax-xogħol u jnaqqas il-burokrazija.

## 92. Lifelong learning inkluż ukoll fil-privat

Nespandu l-aċċess għal korsijiet ta' adulti b'accreditation u standards ċari anke f'istituzzjonijiet privati. Dan iżid l-għażla u l-flessibbiltà, speċjalment għal ħaddiema full-time.

# Governanza u kwalità ogħla għall-ġid tal-istudenti

## 93. Riforma tal-iSchool Based Assessments

Infasslu sistema ta' assessjar aktar ġusta u konsistenti, bi kriterji uniformi, moderazzjoni esterna u aktar trasparenza. Dan inaqqas pressjoni żejda u inġustizzji bejn l-iskejjel, u jżid il-kredibbiltà tar-riżultati għal studenti, ġenituri u edukaturi. Nintroduċu wkoll qafas formali biex continuous assessment adattat għal studenti Special Education Needs (SEN), validat esternament, ikun jista' jittraduċi f'ċertifikat rikonoxxut meta l-eżami standard ma jaqbilx mal-profil tat-tagħlim. B'mod speċifiku, nerġgħu nintroduċu/niżviluppaw papers adattati u/jew triq alternattiva ta' ċertifikazzjoni għal studenti SEN (fosthom bl-awtiżmu u li jkollhom diffikultà fit-tagħlim), biex ikollhom opportunità ġusta ta' rikonoxximent.

## 94. Tisħiħ tal-MATSEC

Insaħħu l-MATSEC b'aktar kapaċità, b'riżorsi umani u b'riżorsi diġitali mill-aktar avvanzati. B'mod speċifiku nassiguraw li tfal b'diffikultajiet fit-tagħlim ikollhom opportunità ġusta ta' rikonoxximent.

## 95. Deċentralizzazzjoni fil-kulleġġi

Nagħtu aktar awtonomija operattiva u riżorsi lill-kulleġġi biex jindirizzaw il-bżonnijiet lokali. Id-deċiżjonijiet dwar appoġġ, proġetti u allokazzjoni ta' servizzi jsiru aktar malajr u b'mod aktar pertinenti għar-realtà ta' kull komunità skolastika.

## 96. Aktar indipendenza u awtonomija għall-Council for the Teaching Profession

Isiru l-emendi meħtieġa fil-liġi biex il-Council for the Teaching Profession (CTP) ikun aktar indipendenti u awtonomu u jingħata allokazzjoni finanzjarja annwali. Se nagħtu lil dan il-Kunsill ir-riżorsi neċessarji biex jintroduċi liċenzji u warrants għal edukaturi bħal-LSEs u l-KGEs.

## 97. Awtorità Nazzjonali għall-Edukazzjoni (MNEA)

Nistabbilixxu awtorità indipendenti li taħdem fuq il-kontinwità u l-istandards fl-edukazzjoni. Din tissettja targets nazzjonali, tissorvelja r-riżultati u tippubblika rapporti annwali biex tissaħħaħ il-fiduċja pubblika. Kull aġġornament isir b'mod maħsub, speċifiku u biex jindirizza l-bżonnijiet meħtieġa.

## 98. Integrazzjoni tal-Malta Further and Higher Education Authority u d-Directorate for Quality and Standards in Education

Ngħaqqdu l-funzjonijiet ta' liċenzjar, quality assurance u standards taħt struttura waħda. Dan inaqqas id-duplikazzjoni tax-xogħol, iħaffef id-deċiżjonijiet u jindirizza aktar il-bżonnijiet edukattivi tal-istudenti u r-rikonoxximent tal-kwalifiki.



Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek